# Il-Ħadd 28.06.2020

1. Illum 28/06:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
2. It-Tnejn 29/06, **Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**:
   - Il-Kan. Kappillan David Farrugia jiċċelebra s-16-il sena minn mindu sar saċerdot (29/06/2004). Nifirħulu u nawgurawlu, u nkomplu nwiegħeduh it-talb u l-koperazzjoni.
   - Fis-6:30pm - **L-Ordinazzjoni Presbiterali**:- Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, li fiha d-Djaknu mill-Parroċċa tagħna, Rev. Tony Pace, flimkien ma' xi djakni oħra, ser jiġi ordnat Presbiteru (Qassis) mill-Arċisqof. Nawgurawlu u nitolbu għalih. Insegwu lkoll ix-xandira diretta fuq TVM2. *(Ma ssirx il-quddiesa tas-6:30pm fil-Knisja Parrokkjali).*
3. It-Tlieta 30/06:
   - Fis-7:30am - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace.
4. L-Erbgħa 01/07:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace, li għaliha huma mistiedna speċjali l-membri tal-Kunsill Parrokkjali u l-għaqdiet tal-parroċċa.
5. Il-Ħamis 02/07:
   - Fis-7:30am - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace.
   - Fis-7:30am - Laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali għal dawk li huma responsabbli mill-Festa biex nibdew norganizzaw lilna nfusna u naraw kif ser niċċelebraw dan il-jum kif nistgħu, u b'attenzjoni għas-saħħa ta' kulħadd.
6. Il-Ġimgħa 3/07, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace, li għaliha huma mistiedna speċjali l-membri tal-Kor *Sine Macula* u l-familjari.
   - Fis-7:00pm - Adorazzjoni u l-Barka Sagramentali.
7. Is-Sibt 4/07:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace.
8. Il-Ħadd 5/07**:**
   - Fl-10:30am - Quddiesa ċċelebrata mis-saċerdot novell, Dun Tony Pace, bil-preżenza tal-Familjari tiegħu, u bis-sagrament tal-Magħmudija.
9. Avviżi oħra:
   - Inħabbrilkom li d-data taċ-Ċelebrazzjoni tal-GRIŻMA TAL-ISQOF 2020 fil-parroċċa tagħna ser tkun: il-ĦADD 13/09/2020 fil-Quddies tad-9:00am u tal-10:30am.
   - Is-Sibt 4/07: Maratona *Missio* li tixxandar bejn nofsinhar u nofsilejl fuq l-istazzjonijiet lokali. Nitolbukom tkunu ġenerużi.
   - Għax-xhur li ġejjin jidher li fadal xi intenzjonijiet tal-Quddies li għadhom ma mtlewx. Għalhekk min jixtieq jikteb xi quddies b'suffraġju jidħol ikellimni fis-sagristija qabel jew wara l-quddies.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 105 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda.
    - € 200 bħala donazzjoni għall-manutenzjoni tal-knisja.
    - € 35 bħala donazzjonijiet għall-fjuri ta' Korpus u l-Qalb ta' Ġesù.
    - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.